Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Frar 2021
(OR. en)

5916/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0235(NLE)

RECH 46
COMPET 68
ATO 7
CADREFIN 50

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 14217/20 RECH 537 COMPET 652 ATO 90 CADREFIN 467 |
| Nru dok. Cion: | 9868/18 RECH 273 COMPET 423 ATO 32 CADREFIN 80 + ADD 1-2 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi<br>- *Adozzjoni* |

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi[1].

2. Il-proposta dwar l-ITER għandha l-għan li tiżgura l-finanzjament tal-proġett ITER matul il-perijodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, sabiex tippermetti t-tkomplija tal-parteċipazzjoni Ewropea fil-proġett ITER skont l-impenji tagħha bħala l-Parti Ospitanti ta' dan il-proġett internazzjonali. Skont l-Artikolu 47 tat-Trattat Euratom, id-Deċiżjoni dwar l-ITER għandha tiġi adottata unanimament mill-Kunsill.

[1] Dok. 9868/18.

3. Wara l-ħidma minn Diċembru 2018 fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar ir-Riċerka u Kwistjonijiet Atomiċi, li rriżultat f'xi emendi għall-proposta inizjali, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku dwar it-test fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2020.

4. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif riveduta mill-Ġuristi-Lingwisti u kif tinsab fid-dokument 5186/21.